Minuti tal-Laqgħa Nru. 5 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 12 ta' Jannar 2011 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Kerstin Gatt<br>Is-Sur. Gejtu Calleja |
| Skużat | Is-Sur. Raymond Ellul<br>Is-Sur. Martin Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari tal-minuti tal-laqgha ta qabel
2. Punti mqajjma mill-minuti
3. Xogħolijiet
4. Other matters
5. Eghluq il-laqgha

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Is-Sur. Gatt saqsa jekk it-tindif tal-water culverts jistax jibda min naħa ta fuq mid-direzzjoni tar-runway peress li l-ilma ġej min dik in-naħa.

2.1 Is-Segretarju wieġeb li se jara x' jista jsir biex din il-problema tissolva sew. Huwa semma li jista' jsir lqugħ biex il-ħmieġ ma jibqax nieżel fil-water culverts u jerġa jkun hemm problemi ta sadd. Is-Segretarju semma li se jkun qed jiġi fuq il-post u jara min fejn qed jibda l-ilma. Huwa avża ukoll li d-data għal għeluq tas-sottomissjonijiet tal-offerti hija fil-qrib.

2.2 Is-Sur. Calleja semma li l-problema l-kbira tinsab fejn hemm il-junction tal-water culverts. Is-Segretarju semma li din il-parti tal-water culverts se tiġi indirizzata.

## 3 XOGĦOLIJIET

3.1 Is-Sur. Gatt semma li hija għarukaża kif għadhom ma sarux it-tabelli li kienu issemmew fil-laqgħat preċedenti. Is-Segretarju wieġeb li fil-proċess li tinxtara l-għodda u li dan ix-xogħol se jsir fiż-żmien li ġej.

3.2 Ic-chairperson saqsa fuq is-sleeping policeman li għandu jsir fejn tal-Melita. Huwa saqsa din meta se ssir. Is-Segretarju semma li se jiċċekja fuq il-permessi u filkaż din issir ukoll.

## 4 OTHER MATTERS

4.1 Is-Sur. Gatt saqsa x kien ġara mill-applikazzjoni li kienet saret dwar ir-reserved parking ġewwa Triq San Vinċenż. Is-Segretarju wieġeb li din l-applikazzjoni ma kinitx aċċettata u anki wera l-ittra fejn din turi li din kienet rifjutata.

4.2 Is-Sur. Gatt semma wkoll li hemm Triq li tiġi wara Triq San Vinċenż li bħalissa fiha qed ikun hemm problema ta flooding. Huwa saqsa biex jara jekk jistax issir xi ħaġa biex tiġi evitata din il-problema.

4.3 Is-Sur. Calleja saqsa jekk kienx hemm progress rigward l-applikazzjoni biex issir dawl fi Triq Ħal Farruġ. Is-Segretarju wieġeb li s' issa kull ma kellu kien acknowledgement letter rigward din l-applikazzjoni. Huwa qal li se jagħmel follow up fuqha.

4.4 Ic-Chairperson semma li għandha tintbagħat ittra taq ringrazzjament lil fabbrika li pprovdiet id-dawl sabiex tkun tista tinxtegħel is-siġra tal-Milied li ġiet imżejna għal okkażżjoni tal-Milied.

4.5 Is-Sur. Gatt saqsa lis-Segretarju jekk tistax issir CCTV camera fejn hemm l-iskips biex dawn ikunu segwiti u jiġi evitat il-vandaliżmu. Is-Segretarju wieġeb li se jkun qed jara fuq dan ir-rigward.

4.6 Is-Segretarju semma li rigward l-applikazzjoni tal-Iskema tar-riġenerazzjoni tal-oqsma tad-djar tal-gvern huwa kien iċċekkja u tista' issir aktar min applikazzjoni waħda fuq lokalita waħda.

4.7 Is-Segretarju qal ukoll li dik il-ġimgħa stess se tiġi l-perita biex jiġi diskuss dan il-proġett u titfassal stima. Ic-chairperson semma li tkun ħaġa xierqa jekk ikun hemm membri preżenti biex ikunu jistgħu jiddiskutu aħjar fuq il-proġett flimkien mal-perita.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar L-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011 fis-6.20 p.m. Ma kienx hemm data proposta dwar meta għandha ssir il-laqgħa segwenti.**

.

Konfermati llum ______________________ 2011.

______________________ ______________________

Raymond Saliba
Chairperson

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv